**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**John Leonard Bellotti**

**Illum 25 ta' Mejju 2016**

**Kumpilazzjoni Nru: 1159/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Leonard Bellotti u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 513064(M).

Akkuzat talli f'xi granet, matul Awwissu 2012, u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer ircieva minghand xi haddiehor jew kiseb minghand xi haddiehor xi weghda li jinghataw lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew qliegh iehor taht liema ghamla tkun, b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 298C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe uzura.

Illi fil-fehma tal-Qorti hija ta' certu relevanza il-kronologija ta' kif graw l-avvenimenti principali f'dan il-kaz.

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li f'l-14 ta' Mejju 2013 certu Jon Charles Seabrock mar ghand il-pulizija jaghmel rapport[1] a bazi ta' liema huwa jallega li kien vittma ta' uzura.

Illi fir-rapport maghmul dak in-nhar l-imsemmi Seabrock qal lill-pulizija li xi disgha xhur qabel (ghalhekk ghall-habta ta' Awissu 2012) huwa issellef is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) minghand l-imputat u li ftehmu li flimkien ma' l-elfejn Euro Seabrock ihallas elf Euro (€1,000) ohra bhala imghaxx; ir-rifuzzjoni tal-kapital u l-hlas ta'l-imghaxx kellhom isiru f'pagamenti ta' mija u sittin Euro (€160) fil-gimgha. Fir-rapport Seabrock kompla jghid li wara xahar l-imputat kien avvicinah u nfurmah li l-imghaxx kien tela' ghal erbghat elef Euro (€4,000). Peress li Seabrock ma kienx ser ilahhaq ma' dawn il-pagamenti huwa waqaf ihallas lill-imputat. Seabrock kompla jghid fir-rapport li ftit wara li huwa waqaf jaghmel il-pagamenti l-imputat mar id-dar ta' ommu (omm Seabrock) u sar xi kliem ta' theddied; kien anke sar rapport l-ghassa tal-pulizija dwar dan l-incident. Ftit zmien wara Seabrock u l-imputat iltaqghu Haz-Zabbar u ftehmu li jmorru ghand avukat u quddiem l-avukat ftehmu verbalment li Seabrock ghandu jhallas hamsin Euro (€50) kull hmistax. Ftit granet wara Seabrock mar jaghmel l-ewwel pagament ta' hamsin Euro u l-imputat prezentah b'karta ossia dikjarazzjoni fis-sens li Seabrock kellu jaghti l-ammont ta' erbghat elef Euro (€4,000) li kienu ser jithallsu f'paghmenti ta' hamsin Euro (€50) kull hmistax; kien hemm imnizzel ukoll li jekk Seabrock ifalli fil-pagamenti l-imghaxx kien ser ikkompli jizdied. Seabrock kompla jirrapporta li huwa hassu mhedded u ghalhekk iffirma din il-karta. Minkejja li ffrima l-karta Seabrock ma kkompliex jaghmel pagamenti u dan wassal biex l-imputat cempillu diversi drabi u anke jhedded lilu u lit-tfajla tieghu; ta' dan it-theddied sar rapport l-ghassa. Minhabba f'dak kollu li kien qed jigri Seabrock mar ghamel rapport mat-taqsima tal-frodi fid-depot tal-pulizija, cioe ir-rapport li sar f'l-14 ta' Mejju 2013.

[1] DokRS5 esebiet a fol 16 tal-process.

Illi mill-verifiki li ghamel l-ufficjal investigattiv irrizulta li, kif kien gie allegat minn Seabbrock, kien sar ir-rapport minn ommu u anke mit-tfalja tieghu. Ir-rapport da parti ta' Maria Seabrock sar fil-11 ta' Novembru 2012[2] u ghalhekk jinkwadra ruhu sewwa fit-kronologija tal-fatti kif rapport minn Seabrock. Ir-rapport li ghamlet it-tfajla ta' Seabrock (Dorothy Rutzen) sar fil-5 ta' Mejju 2013[3]; dan ukoll jinkwadra ruhu tajjeb fil-kronologija tal-fatti kif rapportati minn Seabrock fir-rapport tieghu tal-14 ta' Mejju 2013.

Illi fil-11 ta' Ottubru 2013, fil-kors ta'l-investigazzjoni tal-pulizija f'dan il-kaz, l-imputat irrilaxxja stqarrija. F'l-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li huwa silef is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) lil Seabrock u ghall-mistqosija jekk kienu ftehmu li ta' dawk l-elfejn Euro huwa kellu jinghata ukoll is-somma ta' elf Euro bhala imghaxx, l-imputat jghid li iva hekk kien il-ftehiem. Huwa kompla jispjega li dawk l-elfejn Euro huwa kellu jissellifhom u ried jaghti xi haga ukoll li din il-persuna[4]. F'l-istqarrija l-imputat jichad li huwa qatt talab imghaxx f'l-ammont ta' erbghat elef Euro (€4,000). Aktar minn hekk huwa insista li huwa kien qed jippretendi flusu minghand Seabrock u xejn aktar. L-imputat qal ukoll li kienu waslu fi ftehiem biex Seabrock ihallsu lura f'pagamenti ta' hamsin Euro (€50) kull hmistax.

Illi fit-13 ta' Ottubru 2013 (u ghalhekk jumejn wara li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija) Seabrock rega mar ghand il-pulizija u fil-waqt li kkonferma li l-ftehiem originali bejnu u l-imputat kien dwar self ta' elfejn Euro bi hlas ulterjuri ta' elf Euro bhala imghaxx, infurmahom li f'Awissu 2013 (u ghalhekk fil-mori ta'l-investigazzjoni) hu u l-imputat kienu lahqu ftehiem permezz ta' liema l-imputat kien qed jirrinunzja ghal kull imghaxx u li l-kapital ta' elfejn Euro jithallas f'pagamenti ta' hamsin Euro (€50) kull hmistax; huma ftehmu ukoll li jmorru ghand nutar biex dan il-ftehiem jirrediguh f'skrittura privata. Peress li sa dak in-nhar (13 ta' Ottubru 2013) Seabrock kien ghadu ma hallas xejn mill-pagamenti ta' hamsin Euro kien qed jistenna li l-imputat kien ser icempillu biex imorru ghand in-nutar[5].

Illi Seabrock tressaq bhala xhud tlett darbiet: darba ingunt bhala xhud tal-prosekuzzjoni u darbtejn ingunt mid-difiza in kontroezami.

Illi ghandu jigi rilevat mill-ewwel li Seabrock ta verzjonijiet kunfliggenti meta kien qed jiddeponi, tant li l-Qorti kellha tigbidlu l-attenzjoni diversi drabi ghal mod kif kien qed jixhed. Ghalkemm b'xi mod jew iehor ftakar il-

---

[2] Kopja esebieta bhala DokRS7 a fol 22 tal-process.
[3] Kopja esebieta bhala Dok RS6 a fol 18 tal-process.
[4] F'l-istqarrija l-imputat identifika lil din il-persuna bhala Charles Delia.
[5] Din l-informazzjoni mghotija lill-pulizija giet mghtoija f'forma ta' dikjarazzjoni iffirmata minn Seabrock; id-dikjarazzjoni hija esebita bhal DokRS8 a fol 27 tal-process.

fatti principali li wassluh biex imur jghamel ir-rapport, l-aktar li hawwad kien fuq il-ftehiem dwar l-imghaxx. Dwar dan il-punt ta diversi verzjonijiet: qal li imghaxx ma kienx miftiehem u kien biss biex ibezzghu (ghax kien waqaf mill-pagamenti) li l-imputat beda jsemmi imghaxx; eventwalment rega' tenna' din il-verzjoni pero din id-darba ta'l-impressjoni li l-eventwali talba ghall-imghaxx kienet wahda reali u mhux xi tattika sempliciment biex l-imputat ibezzghu ghax ma kienx qed jaghmel il-pagament; f'xi waqtiet pero rega' rrepeta dak li kien qal lill-pulizija u cioe li l-ftehiem originali kien jinkludi hlas ta' imghaxx jew f'l-ammont ta' elf Euro (l-ewwel verzjoni) jew elfejn Euro (it-tieni verzjoni).

Illi hareg car mid-depozizzjoni ta' Seabrock li huwa kien riluttanti hafna milli jghid il-verita; minkejja dan il-Qorti m'ghandhiex dubbj dwar x'inhi l-verita. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li l-verzjoni korretta hija dik li l-ftehiem originali kien jinkludi hlas ta'elf Euro imghaxx. Dan mux biss minhabba l-komportament ta' Seabrock waqt id-depozizzjoni tieghu, u f'liema cirkostanzi wasla biex jghid hekk fid-depozizzjoni, imma anke ghaliex dik hija il-verzjoni li taghmel sens u li ssegwi kronologija korroborata minn elementi ohra ta' prova.

Illi aktar minn hekk hemm fattur iehor, ferm important, li jaghti kredibilita lil dak li jghid Seabrock fir-rapport li ghamel lill-pulizija u li jikkonfermah f'xi waqtiet fid-depozizzjoni tieghu: dan huwa l-asserzjoni ta'l-imputat innifsu li l-ftehiem originali kien li ghall-kapital ta' elfejn Euro Seabrock kellu jhallas elf Euro imghaxx. F'dan l-istadju l-Qorti ser tirriproduci verbatim dik il-parti ta'l-istqarrija:

| | |
|---|---|
| *Mistoqsija:* | *U ftehmtu li jaghtik lura l-elfejn ewro u maghhom elf ewro iehor bhala imghaxx, bi hlas ta' €160 kull hmistax?* |
| *Risposta:* | ***Iva*[6]*,** ghaliex jien ridt naghti xi haga lil min silifni l-flus ghal Seabrock.* |

Illi in vista ta' dan il-Qorti hija sodisfatta li l-ftehiem originali bejn Seabrock u l-imputat huwa dak li ghas-somma ta' elfejn Euro kellu jithallas elf Euro imghaxx, li jfisser li l-imghaxx kien miftiehem b'rata ta' imghaxx ferm ghola minn dak permess mil-Ligi. Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li mill-provi jirrizulta li Seabrock baqa qatt ma hallas imghaxx; aktar minn jhekk fil-perjodu wara li sar ir-rapport lill-pulizija l-imputat accetta li jiehu biss (minghand Seabrock) il-kapital li kien silef.

---

[6] Sottolinear tal-Qorti.

Illi l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 298C tal-Kapitolu 9 hu li dak li jkun jikseb **weghda** li jinghata b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet (jew xi qliegh iehor) b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan jirrizulta mhux biss minn dak li qal Seabrock b'hafna tlaqliq imma anke fuq ammissjoni ta'l-istess imputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imutat u l-fedina penali tieghu; qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imghaxx baqa' qatt ma thallas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah xahrejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena (1) u multa ta' elfejn hames mitt euro (€2,500).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**